

**Digriet tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-1 ta' April 2009 — Perry vs Il-Kummissjoni**(Kawża T-280/08) <sup>(1)</sup>

("Rikors għad-danni — Preskrizzjoni — Inammissibbiltà")

(2009/C 141/87)

Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż

**Partijiet**

Rikorrent: Claude Perry (Pariġi, Franza) (rappreżentant: J. Culioli, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: J.-P. Keppenne u P. van Nuffel, aġenti)

**Suġġett**

Rikors għad-danni intiż sabiex jinkiseb kumpens għad-dannu allegatament imġarrab mir-rikorrent minħabba akkużi ta' miżapproprijazzjonijiet ta' għajjnuna umanitarja Komunitarja li suppost seħħew mal-eżekuzzjoni ta' kuntratti konklużi bejn il-Kummissjoni u kumpanniji tar-rikorrent.

**Dispożittiv**

- 1) Ir-rikors huwa miċħud bħala inammissibbli.
- 2) Claude Perry huwa kkundannat għall-ispejjeż.

<sup>(1)</sup> ĠU C 260, 11.10.2008.**Digriet tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-31 ta' Marzu 2009 — Spanja vs Il-Kummissjoni**(Kawża T-359/08) <sup>(1)</sup>

("Rikors għal annullament — Ċessjoni tal-att ikkontestat — M'hemmx lok li tingħata deċiżjoni")

(2009/C 141/88)

Lingwa tal-kawża: L-Ispanjol

**Partijiet**

Rikorrent: Ir-Renju ta' Spanja (rappreżentant: J. Rodríguez Cárcomo, aġent)

Konvenuta: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: A. Steiblytė u S. Pardo Quintillán, aġenti)

**Suġġett**

Talba għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2008) 3243 tal-25 ta' Ġunju 2008 dwar it-tnaqqis tal-għajjnuna mogħtija mill-Fondi ta' Koeżjoni favur il-grupp ta' proġetti 2001.ES.16.C.P.E.045 [Ipproċessar tal-iskart f'Galicia — 2001 (Grupp II)], bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2001) 4193 tal-20 ta' Diċembru 2001.

**Dispożittiv**

- 1) M'hemmx lok li tingħata deċiżjoni dwar ir-rikors preżenti.

- 2) Il-Kummissjoni għandha tbatlha l-ispejjeż tagħha kif ukoll dawk sostnuti mir-Renju ta' Spanja.

<sup>(1)</sup> ĠU C 272, 25.10.2008**Digriet tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-31 ta' Marzu 2009 — Spanja vs Il-Kummissjoni**(Kawża T-360/08) <sup>(1)</sup>

("Rikors għal annullament — Irtirar tal-att ikkontestat — M'hemmx lok li tingħata deċiżjoni")

(2009/C 141/89)

Lingwa tal-kawża: L-Ispanjol

**Partijiet**

Rikorrent: Ir-Renju ta' Spanja (rappreżentant: J. Rodríguez Cárcomo, aġent)

Konvenuta: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: A. Steiblytė u S. Pardo Quintillán, aġenti)

**Suġġett**

Talba għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2008) 3247, tal-25 ta' Ġunju 2008 dwar it-tnaqqis tal-għajjnuna finanzjarja mogħtija taħt il-Fondi ta' Koeżjoni favur il-grupp ta' proġetti 2001.ES.16.C.P.E.036 (tindif tal-baċir idrografiku tat-Tramuntana — Galizja — 2001), permezz tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2001) 4084, tal-20 ta' Diċembru 2001.

**Dispożittiv**

- 1) M'għadx hemm lok li tingħata deċiżjoni dwar dan ir-rikors.
- 2) Il-Kummissjoni għandha tbatlha l-ispejjeż tagħha kif ukoll dawk sostnuti mir-Renju ta' Spanja.

<sup>(1)</sup> ĠU C 272, 25.10.2008.**Digriet tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-2 ta' April 2009 — Cachuera vs UASI — Gelkaps (Ayanda)**(Kawża T-43/09) <sup>(1)</sup>

("Rikors promotur — Rekwiżiti proċedurali — Inammissibbiltà")

(2009/C 141/90)

Lingwa tal-kawża: L-Ispanjol

**Partijiet**

Rikorrenti: La Cachuera, SA (Misiones, l-Arġentina) (rappreżentant: E. Armijo Chávarri, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Parti oħra fil-kawża quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI: Gelkaps GmbH (Pritzwalk, il-Ġermanja)

### Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI tad-19 ta' Novembru 2008 (Każ RE 87/2008-2) dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn La Cachuera, SA u Gelkaps GmbH.

### Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud bħala inammissibbli.
- 2) La Cachuera, SA għandha tbatl l-ispejjeż tagħha.

(<sup>1</sup>) ĠU C 69, 21.3.2009.

### Digriet tal-President tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-24 ta' April 2009 — Nycomed Danmark vs EMEA

(Kawża T-52/09 R)

*(“Proċeduri għal miżuri provviżorji — Awtorizzazzjoni għal tqegħid fis-suq ta' prodott mediċinali — Aġent ta' immaġni ta' echocardiographic ultrasound għall-finijiet ta' dijanjosi (perflubutane) — Rifjut tal-EMEA sabiex tagħti deroga mill-obbligu li jiġi sottomess pjan ta' investigazzjoni pedjatrika — Talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni u għal miżuri provviżorji — Nuqqas ta' urġenza”)*

(2009/C 141/91)

Lingwa tal-kawża: L-Ingliż

### Partijiet

Rikorrenti: Nycomed Danmark ApS (Roskilde, id-Danimarka) (rappreżentanti: C. Schoonderbeek u H. Speyart van Woerden, avukati)

Konvenuta: L-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (EMEA) (rappreżentanti: V. Salvatore u N. Rampal Olmedo, aġenti)

### Suġġett

Talba intiża, minn naħa waħda, għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni tal-EMEA tat-28 ta' Novembru 2008 li ċaħdet it-talba għal deroga speċifika fir-rigward tal-perflubutane u, min-naħa l-oħra, għall-adozzjoni ta' miżuri provviżorji.

### Dispożittiv

- 1) It-talba għal miżuri provviżorji hija miċħuda.
- 2) L-ispejjeż huma rriżervati.

### Digriet tal-President tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-3 ta' April 2009 — UCAPT vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-96/09 R)

*(“Proċeduri għal miżuri provviżorji — Talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni — Ksur tar-rekwiżiti proċedurali — Inammissibbiltà”)*

(2009/C 141/92)

Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż

### Partijiet

Rikorrenti: Union des Coopératives agricoles des producteurs de tabac de France UCAPT (Pariġi, Franza) (rappreżentanti: B. Peignot u D. Garreau, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: M. Moore u P. Mahnič Bruni, aġenti)

### Suġġett

Talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009, tad-19 ta' Jannar 2009, li jstabbilixxi regoli komuni għal skemi ta' appoġġ dirett għal bdiewa fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jstabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għal bdiewa, u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1290/2005, (KE) Nru 247/2006, (KE) Nru 378/2007 u li jirrevoka ir-Regolament (KE) Nru 1782/2003 (ĠU L 30, p. 16).

### Dispożittiv

- 1) It-talba għal miżuri provviżorji hija miċħuda.
- 2) L-ispejjeż huma rriżervati.

### Rikors ippreżentat fl-24 ta' Marzu 2009 — Viasat Broadcasting UK vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-114/09)

(2009/C 141/93)

Lingwa tal-kawża: L-Ingliż

### Partijiet

Rikorrenti: Viasat Broadcasting UK Ltd (Londra, ir-Renju Unit) (rappreżentanti: S. Kalsmose-Hjelmberg u M. Honoré, lawyers)

Konvenuta: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej

### Talbiet tar-rikorrenti

— tannulla d-deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej tal-4 ta' Awwissu 2008 fil-Każ N 287/2008; u

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.